**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**-vs-**
**Terry Vidal**

**Illum, 10 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfont ta' Terry Vidal ta' 31 sena, iben Raymond u Rita xebba Farrugia, mwieled nhar id-29 ta' Novembru 1985 u residenti Block C, Flat 6, Triq Dun Luret Calleja, Żebbuġ u dententur tal-karta ta' l-ideneita' numru 591885(M);

Akkużat talli nhar id-disgħa u għoxrin ta' Novembru 2016 waqt li kien ġewwa Lajmeċ Farm, li jinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa u/jew f'dawn il-gżejjer ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Vella skond kif iċċertifika Dr. Mark Aquilina Reg No 3419;

U aktar talli kien jaf jew imisshu jkun jaf li Joseph Vella huwa anzjan jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew jippermetti li xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu;

U aktar talli nhar fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi waqt li kien ġewwa Lajmeċ Farm, li jinsab fi triq Giuseppe Garibaldi, Marsa u/jew f'dawn il-gżejjer ħebbejt għall-persuna ta' Joseph Vella sabiex jinjurah, iddejqu jew jagħmillu ħsara;

U aktar talli nhar fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi waqt li kien ġewwa Lajmeċ Farm, li jinsab fi triq Giuseppe Garibaldi, Marsa u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Joseph Vella liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-lok għad-detriment ta' l-istess Joseph Vella minn Raħal Ġdid u/jew persuni oħra;

U aktar talli bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjeta' ta' ħaddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'oħra f'dan il-kodici għad-detriment ta' l-istess Joseph Vella minn Raħal Ġdid u/jew persuni oħra;

U aktar talli fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna biża fuq il-persuna ta' Joseph Vella li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tiegħu, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

Kif ukoll talli nhar id-disgħa u għoxrin ta' Novembru 2016 bil-ħsieb li tagħmel delitt, u cioe serq ta' oġġetti jew affarijiet ohra, wrejt dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mil-volonta' tiegħu għad-detriment ta' Ahmad Kasem miż-Żejtun u/jew persuni ohra;

U aktar fl-istess data ħin lok u ċirkostanzi bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjeta' ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Ahmad Kasem miż-Żejtun u/jew persuni oħra;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' mil-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U b'hekk irrenda ruħħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti, u cioe':

1. Ċertfikat tat-Twelid immarkat bhala Dok A;
2. Fedina Penali immarkata bħala Dok B;
3. Dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali immarkata bħala Dok C;
4. Stqarrija tal-imputat datata 6 ta' Diċembri 2016 immarkata bħala Dok D;
5. Ċertifikat mediku immarkat bħala Dok E;
6. Ċertifikat mediku immarkat bħala Dok CC1;
7. Ċertifikat mediku immarkat bħala Dok CC2;
8. Ticket of referral immarkat bħala Dok CC3;
9. Case summary immarkat bħala Dok CC4;
10. Okkorrenza immarkata bħala Dok CC5;
11. Rapport ta' Dr Mario Scerri immarkat bħala Dok MS1;
12. Case Summary immarkata bħala Dok OB1;
13. Sentenza immarkata bħala Dok CC1;
14. Sentenza immarkata bħala Dok CC2;
15. Process verbal immarkat bħala Dok NC1;
16. Ċertifikat tat-twelid ta' Joseph Vella immarkat bhala Dok JV1;
17. Sentenza immarkata bħala Dok POL1;

Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Vella, Ahmed Kasem, Salah Kasem, l-Ispettur Chantelle Casha, Dr. Mario Scerri, Dr. Nigel Camilleri, Dr. Mark Aquilina, Dr. Fabrizia Vassar, PS 285 Jeffrey Cutajar, Oswald Balzan, Nadia Ciappara, Mr Mark Schembri, Dr. Daryl Portelli, Dr Mark Gruppetta, Jeserema Sciberras u Żaren Formosa.

Il-Qorti rat ir-rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat Terry Vidal datat 20 t'Ottubru 2021 eżebit ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta konġuntivament iddikjaraw li qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u jitolbu li fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti ta' l-imputat Terry Vidal, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun dik ta' ħames snin u nofs priġunerija effettiva u don oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Ġenerali ipprezenta l-artikoli fl-20 ta' Ottubru 2021, kif ukoll li l-imputat iddikjara fis-seduta tal-lum 10 ta' Novembru 2021 li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat sommarjament.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inkondizzjonata ta' l-imputat, u wara li l-Qorti tat lill-imputat żmien bizzejjed biex huwa jirtira l-ammissjoni tiegħu huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Fatti tal-Każ:

Illi dan il-każ jirrigwarda akkużi ta' invażjoni tal-proprjeta' ta' terzi nhar id-29 ta' Novembru 2016 ġewwa l-Lajmeċ Farm, li wassal sabiex ikunu kkawżati ġrieħi gravi fuq il-persuna anzjana ta' Joseph Vella, flimkien ma' serq ta' flus kontanti li sar għad-detriment tal-istess Joseph Vella. Dan il-każ jirrigwarda wkoll akkuża ta' attentat ta' delitt għad-dettriment ta' Ahmed Kasem. Jirriżulta li wara li seħħ l-inċident, l-imputat ammetta mal-parte civile li kien hu li daħal ġewwa Lajmeċ Farm.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 214 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(2), 261(a)(e), 262(1)(a), 269(g), 274(b), 277(a), 41(1)(a), 284, 285, 340(d), 49, 50, 17, 20, 31, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' ħames snin u nofs priġunerija effettiva b'dan li għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bhala arrest preventiv u kif ukoll tordna li l-ħati Terry Vidal għandu jħallas l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u tletin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€235,70).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**